MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1172/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra :

Jason Manuel Briffa ta’ 38 sena, bin Gaetano Joseph u Aida Maria nee` Cunningham, imwieled Auburn (Awstralja) fid-9 ta’ Dicembru 1974, u li noqghod fi Numru 7, TB 7, Favray Court, Tigne Point, Sliema, Detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 121193M.

Talli;

Fis-26 ta’ Novembru 2013, u fil-granet u ix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1) B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b`qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta; hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b`qerq ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ RG Motors u Ruben Galea;

2) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b`qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b`ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b`qerq ta’ inqas minn mitejn, u tnejn u tletin Euro u erba` u disghin centezmu ( 232.94) ghad-dannu ta’ Ir-Rizzu Restaurant, u ta’ Rozarju Farrugia u Emanuel Farrugia.

3) U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati ippreseduta mill-Magistrat Dott.Natasha Galea Sciberras LL.D, f’dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Jason Manuel Briffa u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta’ 3,500 euro bhala garanzija personali jghaddu favor il-Gvern ta’ Malta kif stipulate fl-Artikolu 579(2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4) U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati ippreseduta mill-Magistrat Dott.Antonio Micallef Trigona LL.D., f’dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, forst kundizzjonijiet ohra kif ordnat li

jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Jason Manuel Briffa u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tornda li s-somma ta' 10,000 euro bhala garanzija personali jghaddu favor il-Gvern ta' Malta kif stipulate fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5) U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati ippreseduta mill-Magistrat Dott.Giovanni Grixti LL.D., f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Jason Manuel Briffa u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 300 euro bhala garanzija personali jghaddu favor il-Gvern ta' Malta kif stiplat fl-Artikolu 579(2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6) Kif wkoll, b'hekk l-imputat Jason Manuel Briffa ghamel reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta kondizjonata, liema sentenza definittiva u ma tistghax jigi mibdula.

7) U b'hekk l-imputat Jason Manuel Briffa sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat gie akkuzat b'zewg reati ta' frodi, bi tlitt akkuzi ta' ksur ta' kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest preventiv, bi ksur ta' ordni ta' probation, u bl-addebitu tar-recidiva. Bhala fatti tal-kaz, l-imputat kera vettura minn ghand RG Motors taht il-pretensjoni li dik il-vettura kienet ser tintuza mill-gvern, u f'okkazjoni ohra mar jiekol ghand ir-Rizzu restaurant u halla l-kont pendenti, bil-pretensjoni li dan il-kont kellu jithallas l-ghada minn delegazzjoni tal-OPM. Ghalkemm fl-istqarrija ma kienx hemm ammissjoni cara u skjetta dwar dawn iz-zewg reati ta' frodi, malli tressaq b'arrest quddiem din il-Qorti hu rregistra ammissjoni.

Bhala fatti, ghalhekk, ma hemmx kontestazzjoni, u l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati ta' dawn l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti semghet lit-tabib kuranti tieghu, Dr Mark Xuereb, semghet lill-ufficjal tal-probation Maria Micallef, u semghet ukoll lir-rappresentant tal-agenzija Sedqa, Vicky Scicluna. Mill-informazzjoni li dawn il-professjonisti taw lill-Qorti, irrisulta li l-imputat ghandu problema akuta ta' abbuz ta' droga, u huwa persuna intelligenti li kapaci jipperswadi lil terzi u jimpressjonahom bid-diskors tieghu. F'dawn l-ahhar snin, hu wera nuqqas ta' affidabilita', hekk kif riflessa fil-fedina penali tieghu, b'mod partikolari bit-tlitt kundanni ghal frodi. Huwa ammess li l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' droga, u din qed twasslu biex aktar iwettaq reati ohra ta' frodi, izda jidher li l-imputat qieghed ukoll jaghzel liberament li jkompli jiffroda lil terzi. Ma rrisulta minn imkien li din l-imgieba tieghu gejja minn xi forza esterna. Jidher anzi li huwa l-imputat stess li johloq dawn il-grajjiet kimerici u jaghma lin-nies b'weghdiet fiergha, dak li huwa komunement maghruf bhala "confidence trickster". Il-Qorti ghalhekk intalbet tikkunsidra li l-imputat jinghata ordni ta'

trattament bhala parti mill-piena f'din il-kawza, sabiex jinghata l-ghinuna mehtiega u joqghod ghall-kura medika necessarja.

Fil-fehma tal-Qorti, wara li semghet lil dawn il-professjonisti, l-imputat veru ghandu bzonn joqghod ghall-kura taht it-tabib kuranti tieghu. Madankollu, jidher ukoll li l-imputat jista' jkun ta' periklu ghal terzi, ghax donnu ghandu tendenza li jiffroda lil haddiehor b'facilita' u disinvoltura allarmanti. Donnu l-imputat ma jiskrupla xejn ibella' lin-nies li hu xi persuna mlahhqa fit-tmexxija tal-pajjiz, u li qed jahdem ghall-awtoritajiet governattivi ta' Malta, meta dan m'hu minnu assolutament xejn. Ghalhekk l-imputat zgur li ghandu jservi perijodu minimu ta' prigunerija. Din tista' tigi inkorporata mal-ordni ta' trattament li l-imputat tant ghandu bzonn, izda ghandha sservih ta' taghlima ghal ghemilu, u sservih ukoll bhala mezz ta' sorveljanza f'ambjent ristrett u kkontrollat.

Il-piena ghar-reat ta' frodi hija ta' bejn tlittax-il xahar u seba' snin prigunerija, li meta tizdied bi grad jew tnejn bl-applikazzjoni tar-reat kontinwat toghla ghall-minimu ta' sentejn u massimu ta' tnax-il sena prigunerija, u jekk toghla bi grad iehor minhabba recidiva din titla' ghal minimu ta' erba' snin u massimu ta' ghoxrin sena prigunerija. Inoltre, l-imputat kellu wkoll tlitt digrieti ta' helsien mill-arrest preventiv, li gew miksura bit-twettiq ta' dawn ir-reati, u ghalhekk fuq kull wahda jista' jehel massimu ta' sitt xhur prigunerija ohra, oltre l-konfiska favur il-gvern tal-ammonti ta' flus moghtija bhala depositu jew garanzija personali. Tenut kont tal-fedina penali tieghu, tal-kundanni antecedenti kollha li kellu, tal-ammissjoni bikrija f'din il-kawza, u tal-bzonn li joqghod ghall-kura medika, il-Qorti sejra taghti piena kumplessiva ta' sitt snin prigunerija, li tinkludi kemm ir-reati ta' frodi kif ukoll ir-reati ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest preventiv. Flimkien ma' din il-piena il-Qorti sejra tinkludi l-ordni ta' trattament, bhala varjazzjoni fuq l-ordni ta' probation gia' moghtija lilu fit-13 ta' April 2011. B'hekk il-Qorti tispera li l-imputat ikollu zmien bizzejjed jikkonsidra sew il-konsegwenzi tal-ghemil tieghu ghad-dannu tas-socjeta' civili, u jirritorna lura mill-habs bhala bniedem

reformat ghat-tajjeb u ghall-gid tieghu nnifsu u tan-nies ta' madwaru.

Il-kumment finali li din il-Qorti sejra taghmel hija li l-imputat wassal lilu nnifsu fi sqaq li ma jinfed ghal imkien aktar. Din hija l-ahhar linja li l-Qorti qed tigbed. Jidher li l-imputat ghad ghandu kawzi ohra pendenti, u li dawn, fil-kaz ta' sejbien ta' htija, aktarx ser iwasslu ghall-pieni itwal fil-habs. L-imputat m'ghandux toroq ohra minn fejn johrog. Hu gab lilu nnifsu f'xifer l-irdum. Jekk irid ifiq minn din il-kundizzjoni li ghandu, qed jinghata l-ghinuna kollha mehtiega, izda ghandu joqghod ukoll ghal kull piena li jista' jinghata fil-futur biex jaghmel tajjeb ghall-azzjonijiet tieghu fil-konfront ta' terzi. Din hija l-ahhar ghinuna li jista' jinghata l-imputat, u fil-fehma tal-Qorti din hija l-unika opportunita' li l-imputat ghandu jinghata. Wasal iz-zmien li jrodd lura ghall-hsara li halla warajh, u jerfa' ftit mir-responsabbilta' ta' ghemilu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309 u 310, 579, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq Ammissjoni din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra hlief li issib lill-istess imputat hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u qieghda tikkundanah sitt (6) snin prigunerija.

Tordna r-revoka tad-digrieti ta' helsien mill-arrest preventiv kif moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Ottubru, 2013, fit-18 ta' Novembru 2008, u fis-7 ta' Marzu 2000, u ghalhekk tordna li l-imputat jerga' jitqieghed taht arrest preventiv f'dawk it-tlitt kawzi kontra tieghu;
Tordna ghalhekk il-konfiska favur il-gvern tas-somom segwenti, u cioe':

Tas-somma ta’ elfejn Ewro moghtija bhala depositu u s-somma ta’ tlitt elef u hames mitt Ewro moghtija bhala garanzija personali fid-digriet tal-14 ta’ Ottubru 2013;
Tas-somma ta’ elf ewro moghtija bhala depositu u s-somma ta’ ghaxart elef ewro moghtija bhala garanzija personali fid-digriet tat-18 ta’ Novembru, 2008;
U tas-somma ta’ sitt mija w tmiena w disghin Ewro jew somma verjuri ekwivalenti ghal tlitt mitt Lira Maltin moghtija bhala garanzija personali fis-7 ta’ Marzu, 2000.

Tittratta mal-imputat ghar-reat li dwaru kien instab hati u moghti ordni ta’ probation fit-13 ta’ April 2011, u wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tvarja dik l-ordni billi tqieghed lill-istess imputat taht ordni ta’ trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, taht il-kura ta’ Dr Mark Xuereb, li huwa minn issa awtorizzat jikkollabora ma’ tobba ohra hekk kif ikun il-kaz li minn zmien ghal zmien jikkuraw lill-istess imputat, u dan ghall-fini tal-ahjar kura tieghu.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR. ANTHONY J. VELLA BA,LL.D.,MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------